MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 770/2011

**GasanMamo Insurance Limited C3143 hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Josette Vassallo ID 488469M, sija bil-polza u sija bil-ligi, kif ukoll l-istess Josette Vassallo**

**vs**

1. **Kunsill Lokali Sliema**
2. **Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-Avviz l-Atturi (Kumpanija Assikuratrici u l-Assikurata taghha b'polza *comprehensive*) qed jitolbu minghand l-Konvenuti l-hlas ta' seba mija, wiehed u disghin Ewro tmienja u erbghin centezmi (€791.48c) danni b'rizultat ta' ncident li sehh fix-Xatt ta' Qui-Si-Sana, Sliema, fl-24 ta' Jannar 2009 meta Toyota nru TFI 262 misjuqa minn Joseph Vassallo waqghet f'hofra fil-wicc tat-triq imsemmija fid-dlam u bla senjalagg adegwat. Dana b'negligenza, traskuragni u nuqqas ta' prudenza da parti tal-Konvenuti, jew min minnhom. Bl-ispejjes u l-imghax. L-AVVIZ hu akkumpanjat bid-Dok GM1 sa 9.

B'RISPOSTA l-Konvenuta Awtorita ghal Trasport f'Malta qalet hekk:-

(1) Preskrizzjoni *per* art 2153, Kap 16, Ligijiet ta' Malta.
(2) L-azzjoni ma tiswiex ghaliex tressqet bla ma qabel saret interpellazzjoni b'att gudizzjarju kif irid art. 460 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
(3) Mhiex legittmu kontradittur ghax it-triq imsemmija ma taqax taht ir-responsabilta' taghha.
(4) L-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-Atturi huma nfondati – Hawn fl-ewwel udjenza, dik tat-2 ta' Novembru 2011 (*fol* 17) giet, riferibilment ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari prezentata kopja ta' ittra ufficjali datata 23/9/2009 flimkien mar-riferta pozitiva – Dok MM1 *a fol* 19 (u l-wara tal-pagna).

Dan wassal ghall-irtirar tal-eccezzjonijiet preliminari msemmija (udjenza 16/12/12). It-TRIBUNAL ghalhekk ma jehux aktar konjizzjoni taghhom.

B'RISPOSTA da parti tal-Konvenut Kunsill Lokali, Sliema qal li:

(a) It-TALBA hi nfondata fil-fatt u fid-dritt.
(b) Mhux il-ligittmu kontradittur ghax it-triq imsemmija ma taqax taht ir-responsabilta' tieghu.
(c) L-ammont pretiz hu esagerat.

II PROVI

1. Dawn huma biss siltiet mill-provi u li ghandhom jitqiesu flimkien mal-bqija ta' dak kollu li kemm fil-process.
2. **<u>PC 309 Brian Xuereb</u>** ikkonferma li r-*Road Accident Report a fol* 2 tnizzel minnu fuq li qallu Joseph Vassallo li, dwar l-incident qal:-

   *I was driving from the Chalet to Sliema Centre in Qui Si Sana Road when all of a sudden I ran over some damaged tarmac and damaged the wheel rims.*
   *Hin tal-incident: 17:30pm*

3. **<u>Joseph Vassallo</u>** xehed li dak in-nhar tal-incident kienet ix-xita u f'hofra fit-triq ghamel hsara fiz-zewg rims u tyre ta' wara maqsum u iehor bi problema. Kien "qabad jidlam". Ha r-ritratti GM6-9. Billi kien assikurat *comprehensive* hallas l-*excess*; imbaghad halla f'idejn il-Kumpanija Assikuratrici. Post tal-incident kien bejn ix-Chalet u l-mina. Hu biddel it-tyre u pogga li stepney u ssokta jsuq u l-ghada mar ghand il-Kumpanija Assikuratrici. Wara xtara tyres ta' ditta ohra ghax dawk ta' qabel ma baqghux jigu pero l-istess prezz, bejn wiehed u iehor. Dana bl-approvazzjoni tal-Assikuratur.
4. **<u>Joseph Buttigieg</u>**, *surveyor*, ikkonferma d-dok GM1, 2 u 3 li huma *survey reports* u r-ritratti *a fol* 6 u 7 li ttiehdu minnu. Ikkonferma l-parts izda dwar prezzijiet ma setax jikkommetti ruhu ghax dawn ivarjaw skond is-suq.
5. **<u>Stephen Vella</u>**, manager ma Transport Malta qal fejn gara l-incident mhiex wahda mit-toroq arterjali distributorji skont Dok SV1, mahrug mill-Awtorita'

tal-Ippjanar dwar "It-toroq arterjali ta' Malta" li kien fis-sehh meta gara l-incident.

6. **Matthew Dimech**, Seg Esek tal-Kunsill Lokali, Sliema xehed li ghandhom zewg haddiema biex jaghmlu "emergency cold asphalting". Meta r-rapport ma jsirx fil-hin tax-xoghol, it-tiswija ssir l-ghada. Meta gara l-incident in kwistjoni hu ma kienx fil-Kunsill izda minn tfittxija ma rrizultalux rapport dwar din il-hofra.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Jirrizulta, bla ma cahad hadd, li kien hemm il-hofra msemmija li kkagunat hsara lill-vettura assikurata. Jirrizulta wkoll li dik il-hofra kienet fi triq li taqa taht il-harsien tal-Kunsill Lokali, Sliema ghal dik li hi manutenzjoni.

2. L-incident gara meta beda jidlam u fix-xita u wiehed ma jara ebda htija kontributorja minn naha tas-sewwieq.

3. Dwar fiex kienet tikkonsisti l-hsara hu soddisfacentement pruvat u l-istess dwar l-ispiza nvoluta. Id-danneggjat m'ghandux wara ncident imur ahjar minn qabel izda biss li jmur lura kemm jista ghal li kien qabel l-incident skond ic-cirkostanzi. Wara kollox lid-danneggjat bla htija hadd ma jikkumpensah tal-battikati u giri li jidhol fihom bla bzonn. Fil-kaz prezenti il-*quantum* mitlub hu xieraq li jintlaqa.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi hekk:-

(1) **Jilqa** t-tielet eccezzjoni tal-Awtorita' ghat-Trasport Malta u dana wara li ga astjena milli jiehu konjizzjoni taz-zewg eccezzjonijiet preliminari li gew irtirati *pendent lite* u (2) **jikkundanna** lill-istess Awtorita' biex tbati u thallas hi l-ispejjes taghha relatati ma din il-kawza (3) **tichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-Kunsill Lokali Sliema (4) **tilqa** t-Talba Attrici fil-konfront tal-Kunsill Lokali Sliema u **tikkundannah** ihallas seba mija, sitta u tletin Ewro tmienja u erbghin centezmi (€736.48c) lill-Kumpanija GasanMamo Insurance Limited u €55 lil Josette Vassallo liema hlas ghandu jsir fi zmien tletin jum mil-lum u jekk dan ma jsirx jibda ghaddej l-imghax mil lum sal-jum tal-pagament effettiv u (5) **tikkundanna** lill-Kunsill Lokali jhallas l-ispejjes kollha tal-kawza inkluzi dawk mitluba fl-AVVIZ hlief dawk ga decizi u li ghandhom x'jaqsmu mal-Awtorita' ghat-Trasport Malta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------